## 22 ta' Settembru, 1993

## Imħallef: –

## Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.

Il-Pulizija

*versus*

Mark Aquilina u Carmel *sive* Charles Azzopardi

### Evażjoni ta' Dazju – Rekwiżiti ta' Xjenza – Skiet ta' l-Imputat – Oneru tal-Prova

*Għalkemm huwa veru li skond il-liġi f'akkuża ta' pussess ta' oġġett li dwaru ma jkunx tħallas dazju il-prova li d-dazju jkun tħallas għandha ssir mill-imputat, fil-materja għandha ssir distinzjoni bejn il-każ fejn l-imputat huwa l-importatur ta' dak l-oġġett jew il-kompliċi tiegħu jew l-esekutur immedjat ta' l-att ta' kuntrabandu, u l-każ li l-imputat ikun ħaddieħor. F'dan l-aħħar każ jeħtieġ għall-kontravvenzjoni r-rekwiżit tax-xjenza, jiġifieri li l-imputat kien jaf jew messu raġonevolment kien jaf li d-dazju dwar dak l-oġġett ma kienx ġie mħallas.*

*Fis-sistema tagħna l-imputat mhux obbligat li jixhed, anzi għandu d-dritt ta' skiet. L-unika riserva illi hemm fil-liġi hi li s-skiet tiegħu ma jistax isir monopolju minnu mill-prosekuzzjoni. Però dan ma jimpedix lill-Qorti li tikkummenta fuq in-nuqqas ta' deposizzjoni da parti ta' l-imputat f'ċerti ċirkostanzi fejn kontra l-imputat ikun hemm diġà akkwiżit indizju qawwi ta' prova. L-oneru tal-prova ma jiġix neċessarjament spustat fuq l-imputat, però s-skiet ta' l-imputat f'ħafna ċirkostanzi jista' jservi biex il-Qorti tkun sprovvista minn dik l-ispjegazzjoni li talvolta tkun assolutament neċessarja biex il-verżjoni ta' l-imputat tkun tista' b'xi mod issib konfort.*

Il-Qorti: –

Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-19 ta' Jannar, 1993 li minnha sar l-appell preżenti taqra hekk:

"Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha Mark Aquilina ġie akkużat:

a) Talli fit-tletin (30) ta' Settembru, 1993, huwa flimkien u bil-għajnuna ta' Carmel *sive* Charles Azzopardi, inqabad iħott u jew jiżbarka diversi oġġetti, fix-Xemxija Bay, San Pawl il-Baħar, minn fuq il-*Cabin Cruiser* bl-isem *"Babes"*, liema oġġetti ġew impurtati illegalment minnu stess, u li l-importazzjoni tagħhom hi ristretta u/jew projbita skond kif jidher fin-Nota ta' Qbid Numru 11A/92, hawnhekk meħmuża, b'valur ta' elf u sitta u erbgħin lira Maltija, sebgħa u għoxrin ċenteżmu u milleżmu (Lm1046.27,1) – Dazju elf disa' mija, tlieta u erbgħin lira Maltija, erba' ċenteżmi u żewġ milleżmi (Lm1943.04,2) *Levy* għaxar liri Maltin u tmenin ċenteżmu (Lm10.80,0), liema Dazju u *Levy* ma ġewx imħallsa jew ikkawtelati u dan bi ksur ta' l-artikolu 60(a),(b),(ċ),(h),(k), u l-artikolu 62(a),(b),(ċ),(h),(i),(k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) U aktar talli fl-istess data msemmija fl-akkuża (a), biex għamel ir-reat in kwistjoni, għamel użu mill-*Cabin Cruiser* bl-isem *"Babes"* u kif ukoll minn *Peugeot Station Wagon*, bin-numru tar-reġistrazzjoni lokali H – 7150M li huma t-tnejn proprjetà tiegħu, u kif ukoll għamel użu minn *Isuzu Pick-Up* bin-numru tar-reġistrazzjoni lokali F – 6170M li huwa proprjetà ta' l-imsemmi Carmel sive Charles Azzopardi, u dan għamlu bi ksur ta' l-artikolu 68(1) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, u hekk kif jidher fin-Noti ta' Qbid

Numri 11A/92 u 12/92, hawnhekk mehmuża;

ċ) U aktar talli, fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru, 1991, siefer minn Malta għall-Sqallija, u kif ukoll reġa' lura Malta fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru, 1991, bil-*Cabin Cruiser "Babes"* u dan għamlu fiż-żewġ okkażjonijiet billi naqas li jinforma lill-Kontrollur tad-Dwana, kif ukoll lill-Uffiċjali inkarigat mill-uffiċċju ta' l-Imigrazzjoni, meta hu xjentament kien jaf b'din il-proċedura li kellha ssir fiż-żewġ okkażjonijiet, u dan għamlu bi ksur ta' l-artikolu 5(1),(2) u l-artikolu 3(1),(2) u l-artikolu 52 *ta' l-Ordinanza tad-Dwana,* Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) U aktar talli, fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru, 1991, huwa naqas li jagħmel il-proċeduri meħtieġa, mal-wasla tiegħu f'Malta bil-*Cabin Cruiser "Babes"*, skond kif mitlub bil-Liġi, u dan bi ksur ta' *l-artikolul 6(1),(3),(4) ta' l-Ordinanza* tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta;

e) U aktar talli, fit-tletin (30) ta' Settembru, 1991, huwa flimkien u bil-għajnuna ta' Carmel *sive* Charles Azzopardi, inqabad iħott u/jew jiżbarka tmintax (18)-il pakkett għaġin ta' kilo l-wieħed tal-marka "Barilla", spaghetti, fix-Xemxija Bay, San Pawl il-Baħar, minn fuq il-*Cabin Cruiser "Babes",* liema oġġetti ġew impurtati minnu stess illegalment u dan bi ksur ta' l-artikolu 7(1) u 12 ta' l-Att XXXI ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali;

f) U aktar talli, fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru, 1991, mingħajr il-permess tal-Ministru tal-Finanzi, esporta barra minn Malta s-somma ta' elf u ħames mitt lira Maltija (Lm1500) f'ammont ta' flus barranin, li huma jew li kienu f'xi żmien valuta

legali f'Malta, liema ammonti jeccedu dak stipulat bil-liġi, u dan bi ksur ta' l-artikolu 11(1),(2) u 5 ta' l-Att ta' l-1972, dwar il-Kontroll fuq il-Kambju, Kapitolu 233 tal-Liġijiet ta' Malta;

g) Carmel *sive* Charles Azzopardi ġie akkużat talli b'xi mod li jkun, xjentement, għen jew assista lill-awtur, Mark Aquilina, ta' delitt fl-atti li bihom id-delitt ġie ppreparat jew ikkunsmat;

h) U aktar talli fit-tletin (30) ta' Settembru, 1991, fix-Xemxija, San Pawl il-Baħar, minn fuq il-*Cabin Cruiser "Babes"*, instab u nqabad iħott, jiżbarka, jgħin jew jassisti lil Mark Aquilina, b'diversi oġġetti li ġew impurtati illegalment, u li l-importazzjoni tagħhom hija ristretta u/jew ipprojbita skond kif jidher fin-Nota ta' Qbid 11A/92 hawnhekk meħmuża, b'valur ta' elf u sitta u erbgħin lira Maltija, sebgħa u għoxrin ċenteżmu u milleżmu (Lm1046.27,1) – Dazju ta' elf disa' mija, tlieta u erbgħin lira Maltija, erba' ċenteżmi u żewġ milleżmi (Lm1943.04,2) – *Levy* għaxar liri Maltin u tmenin ċenteżmu (Lm10.80,0), liema Dazju u *Levy* ma ġewx imħallsa jew ikkawtelati, u dan bi ksur ta' l-artikolu 60(a),(b),(ċ),(h),(k) u l-artikolu 62(a),(b),(ċ),(f),(g),(h),(i),(k), ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta;

i) U aktar talli fl-istess data msemmija fl-akkuża (h) biex jiġi mwettaq ir-reat, bil-volontà u l-kunsens tiegħu, flimkien ma' Mark Aquilina għamel użu mill-vettura *Isuzu Pick-Up,* li jġib in-numru tar-reġistrazzjoni lokali F – 6170M liema vettura hija l-proprjetà tiegħu, u dan bi ksur ta' l-artikolu 68(1) ta' l-Ordinanza tad-Dawna, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tad-Direttur ta' l-Industrija a fol. 15 u tal-

Kontrollur tad-Dawna a fol. 16, 17;

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali a fol. 57;

Rat il-kunsens ta' l-imputat a fol. 19;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet lix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet lill-Avukat difensur u l-uffiċjal prosekutur jittrattaw;

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputat kien inqabad, flimkien ma' Mark Aquilina, qed iħott merkanzija minn *cabin cruiser "Babes"* proprjetà ta' Aquilina, għal fuq żewġ vannijiet, fix-Xemxija, San Pawl il-Baħar, quddiem il-*West End,* fil-għodu kmieni;

L-imputat Mark Aquilina kien ammetta l-akkużi dedotti kontra tiegħu;

L-imputat Azzopardi fid-difiża tiegħu qed jissottometti li hu ma kienx jaf li dik il-merkanzija kienet b'kuntrabandu u li hu kien qiegħed hemm biss biex jagħmel pjaċir lil Aquilina u jgħinu jħott;

L-imputat spjega li l-unika prova li ġabet il-prosekuzzjoni kontra tiegħu hija l-presenza tiegħu fuq il-post. M'hemmx prova tax-xjenza. Anzi hu jgħid li l-mod kif isiru l-affarijiet fl-apert jindika li l-imputat ma kellux id-*dolo* jew *mens rea;*

Il-Qorti tirrileva li l-*onus* f'dawn il-każijiet qiegħed fuq l-imputat. Skond l-artikolu 77 tal-Kap. 37 *"any dispute which arises whether the goods have been lawfully imported or lawfully unshipped or concerning the place where such goods were bought in every such case the proof thereof shall be on the person making such claim"*;

L-imputat ma xehedx fil-Qorti biex jipprova dak li qed isostni. Il-prova li trid issir hawn trid tkun prova konklusiva. Żgur li dan ma jfissirx illi dan l-oneru jkun sodisfatt jekk hu jipprova li ma kienx jaf jekk id-dazju kienx tħallas jew li ma setax ikun jaf jekk kienx tħallas. (Ara sentenza Appell Kriminali Il-Pulizija *vs* Maurice Agius tal-ħdax (11) ta' Mejju, 1990);

Il-prosekuzzjoni *invece* ġabet l-*istatement* ta' l-imputat, li minnu jirriżulta li l-imputat kien jaf x'qed jiġri. Fl-*istatement* hemm li hu seta' jimmaġina li dak li kienu qed jagħmlu kien kontrabandu (ara fol. 46). Fuq domanda ta' l-Ispettur: "Ngħid sew li inti proprju konxju li dan ix-xogħol li daħħal Mark Aquilina huwa bil-kuntrabandu?" u l-imputat wieħeb "Stajt nimmaġina";

L-imputat ma ħa ebda passi biex jaċċerta ruħu mingħand Aquilina li kollox kien legali u li l-merkanzija kienet iddikjarata u għaddiet mid-Dwana;

Għall-Qorti, il-ħin meta sar dan ix-xogħol (x'is-sitta ta' fil-għodu, 6.00 a.m.) hu indikattiv li mhux kollox kien *"above board"*. Dwar is-sottomissjoni ta' l-imputat li kollox sar għal apert, għall-Qorti m'għandux rilevanza, billi anke Aquilina, għamel kollox għall-apert, imma kien jaf li qed jikser il-Liġi;

Għal dawn il-motivi:

Il-Qorti ssib lill-imputat ħati ta' l-akkużi dedotti kontra tiegħu;

Rat l-artikolu 60(a),(b),(ċ),(h),(k) u 62(a),(b),(ċ),(f),(g),(h),(i),(k) tal-Kap. 37, 68(1) Kap. 37; 42, 43 Kap. 9; 60(a),(b),(ċ),(h),(k), 62(a),(b),(ċ),(h),(i),(k), 68(1), 5(1)(2), 3(1)(2), 52, 6(1),(3),(4), Kap. 37; 7(1), 12 Att XXXI ta' l-1989 u 11(1)(2), 5 Kap. 233;

Tikkundannah erbat elef u ħamsa u tletin lira Maltija, tmienja u ħamsin ċenteżmu u erba' milleżmi (Lm4035.58,4) multa oltre l-konfiska tal-vettura esebita numru F – 6170'';

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Carmel *sive* Charles Azzopardi li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux ħati ta' l-akkużi miġjuba kontrih u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-appellant għandu diversi aggravji. *Fl-ewwel lok* huwa jissottometti illi l-Ewwel Qorti ttrasferiet l-oneru tal-prova mill-Prosekuzzjoni għal fuqu u dan b'mod irregolari;

F'dan ir-rigward huwa jissottomeeti illi d-dispositiv ta' l-

artikolu 77 tal-Kap. 37 ma japplikax għalih, għalkemm kien operattiv fil-każ ta' Mark Aquilina. Infatti jirriżulta li huwa la kien il-proprjetarju u lanqas id-destinarju ta' l-oġġetti li tgħabbew u li kienu qed jinħattu mill-*cabin cruiser*. Għalhekk, almenu fil-konfront tiegħu, la kien hemm *'dispute'* u lanqas *'claim'* dwar in-natura, l-oriġini jew id-destinazzjoni ta' l-oġġetti. It-teżi tiegħu kienet u baqgħet li hu ma kienx jaf li l-oġġetti kienu kuntrabandu meta hu mar jagħmel pjaċir lil Mark Aquilina biex iħott. Ma hemmx kontestazzjoni dwar li l-oġġetti kienu kuntrabandu kif mhux kontesta li dawk l-oġġetti kienu jappartjenu lil Mark Aquilina. Il-pern tal-kwistjoni hija x-xjenza tiegħu ċjoè kienx jaf li dawk l-oġġetti kienu fil-fatt qed jiġu importati illegalment u allura li kienet qed issir evażjoni fiskali. Huwa jirribadixxi li ma kienx jaf, u kien l-oneru tal-Prosekuzzjoni u mhux tiegħu li tipprova li oltre l-presenza tiegħu waqt il-ħatt, kien hemm ukoll il-*mens rea,* u ċjoè dik ix-xjenza rikjesta mil-liġi u dan mingħajr dubju dettat mir-raġuni;

Jiġi osservat immedjatament rigward ta' dan il-punt li huwa strettament ta' natura legali, illi f'każijiet preċedenti fejn l-istess punt inqala' u ġie deċiż, il-posizzjoni illi ħadet din il-Qorti kienet fis-sens ta' dak illi kien ġie deċiż mill-Imħallef Harding, President ta' din il-Qorti, fl-24 ta' Novembru, 1945 *in re* 'Il-Pulizija *vs* Anthony Preca fejn għall-fini ta' l-ispostament ta' l-oneru tal-prova minn fuq il-Prosekuzzjoni għal fuq l-imputat, kienet saret distinzjoni importanti bejn il-każ fejn l-imputat ikun l-importatur u l-każ l-ieħor fejn l-imputat ma jkunx il-kompliċi tiegħu imma jkun assista fl-iskarikar tal-merkanzija. F'dik is-sentenza, li ġiet imbagħad sussegwentement segwita b'diversi sentenzi oħra fosthom dik *in re* 'Il-Pulizija kontra Joseph Farrugia' deċiża minn din il-Qorti fis-7 ta' Jannar, 1991, kien ġie deċiż li għalkemm huwa veru li skond il-liġi f'akkuża ta' pussess ta' oġġett li dwaru

ma jkun tħallas id-dazju, il-prova li d-dazju kien tħallas għandha ssir mill-imputat, ċjoè nonostante fil-materja għandha ssir distinzjoni bejn il-każ fejn l-imputat huwa l-importatur ta' dak l-oġġett jew il-kompliċi tiegħu jew l-esekutur immedjat ta' l-att ta' kuntrabandu u *l-każ li l-imputat ikun ħaddieħor. F'dan l-*aħħar każ jinħtieġ għall-kontravvenzjoni r-rekwiżit tax-xjenza, jiġifieri li l-imputat kien jaf jew messu raġonevolment ikun jaf li d-dazju dwar dak l-oġġett ma kienx ġie mħallas. Kif ġà ngħad din is-sentenza kienet ġiet segwita minn din il-Qorti fost oħrajn fil-każ l-ieħor ġà ċċitat, fejn osservat illi l-Qrati tagħna kellhom bosta okkażjonijiet biex jeżaminaw u jippronunzjaw irwieħhom dwar l-applikabbilità ta' l-artikolu 77 ta' l-Ordinanza tad-Dwana fid-dawl ta' l-element tax-xjenza rikjest u l-interpretazzjoni preponderanti hija dik li ġiet addottata fil-kawża l-oħra li għaliha din il-Qorti diġà rriferiet, u li għaldaqstant meta ċ-ċirkostanzi juru li l-imputat kellu raġonevolment jaħseb li d-dazju fuq l-oġġett minnu possedut ma kienx tħallas, kellu r-rekwiżit ta' dik ix-xjenza u allura huwa ħati tal-kontravvenzjoni lilu addebitata. Diversament huwa eżenti minn kull ħtija min ma kienx jaf u ma setax raġonevolment ikun jaf li d-dazju ma kienx tħallas jew minn kien miċ-ċirkostanzi ġġustifikat jaħseb li d-dazju tħallas;

Din tidher li hija l-posizzjoni legali u li din il-Qorti issa kif ippresjeduta, taqbel li għandha tkun;

Wieħed però jrid joqgħod attent f'sitwazzjoni simili billi ma jispostax l-ordni tal-loġika ta' kif għandhom isiru l-affarijiet, u ma jinqabadx f'nasba ta' spostament ta' raġunament pseudoloġiku;

Dana qed jingħad il-għaliex id-distinzjoni li trid issir essenzjalment tippernja ruħha fuq jekk l-imputat kienx il-

kompliċi ta' Aquilina, f'liema sens allura bilfors irid ikun hemm ix-xjenza doluża, jew inkella kienx sempliċement persuna kompletament injara ta' dak illi qed isir, ċjoè li kien qed isir il-kuntrabandu. Skond din il-Qorti, l-ordni illi għandu jiġi segwit huwa illi għandu jiġi stabbilit l-ewwel u qabel kollox, x'tip ta' attività kienet qed issir mill-appellant. Għal dan il-fini, din il-qorti jidhrilha li oriġinarjament il-prova inizjali illi l-imputat kien jew l-importatur ta' l-oġġetti, jew il-kompliċi ta' Aquilina, jew li almenu kellu element ta' konoxxenza ta' dak illi kien qiegħed isir, tinkombi fuq il-Prosekuzzjoni, imbagħad *una volta* stabbilit dan, ċjoè li jew li kien l-importatur, jew kien il-kompliċi jew li kien fi kwalunkwe każ jaf x'inhu jiġri, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat fit-termini tal-liġi. Però inizjalment kif ingħad, il-prova trid issir mill-Prosekuzzjoni;

L-Ewwel Qorti jidher illi straħet essenzjalment fuq żewġ konsiderazzjonijiet u ċjoè illi l-ħin illi fih kien qed isir l-iskarikar minn fuq il-*cruiser 'Babes'* għal fuq il-vetturi ta' Aquilina u ta' l-imputat, ċjoè s-sitta ta' fil-għodu (6.00 a.m.) u dak illi l-istess imputat stqarr fl-*istatement* illi rrilaxxja lill-Pulizija wara illi kien ġie interrogat;

Din il-Qorti m'hiex daqstant impressjonata bil-ħin daqskemm ġiet impressjonata l-Ewwel Qorti l-għaliex effettivament kif anke ssottometta l-appellant, is-sitta ta' fil-għodu m'huwiex, almenu kif tara din il-Qorti, xi ħin li wieħed jista' neċessarjament jekwiparah ma' ħin magħżul apposta biex isir xogħol fil-ħabi. Favur din it-teżi ta' din il-Qorti hemm żewġ fatturi – fl-ewwel lok il-lokal fejn kien qed isir l-iskarikar u fit-tieni lok l-ispjegazzjoni li ta Aquilina stess u ċjoè illi fit-tmienja ta' filgħodu, Azzopardi kellu jkun lura għax-xogħol tiegħu u allura l-iskarikar kellu jsir kmieni;

Hemm però fattur importantissimu li joħroġ mill-*istatement* ta' l-appellant illi għamel lill-Pulizija meta kien qed jiġi interrogat;

Meta kien qed jiġi interrogat, għall-mistqosija "Ngħid sew li inti proprju konxju li dan ix-xogħol li daħħal Mark Aquilina huwa bil-kuntrabandu?" Huwa rrisponda "Stajt nimmaġina". U hija proprju din l-affermazzjoni illi mid-dehra wasslet lill-Ewwel Qorti biex tasal għall-konvinċimenti li l-imputat aġixxa dolożament;

Għal din l-affermazzjoni, l-appellant illum qed jissott metti li l-interpretazzjoni li l-Ewwel Qorti tat għal dik it-tweġiba tiegħu, kienet erroneja. Dan għaliex l-Ewwel Qorti ma tatx il-qies dovut lit-tifsira li ta l-uffiċjal prosekutur stess dwar it-tweġibiet li huwa tah fl-*istatement* tiegħu. L-Ispettur Bayliss meta xehed qal testwalment "L-imputat fl-istqarrija li għamel miegħi huwa kien qalli li huwa sar jaf li l-oġġetti kienu kuntrabandu meta ġew il-pulizija fuq il-post". Skond l-appellant il-kliem ta' l-uffiċjal prosekutur huma importanti għaliex jitfa' dawl ċar fuq is-sens intier ta' l-*istatement*. Huwa immaġina jew kien konxju li x-xogħol li daħħal Mark Aquilina huwa bil-kuntrabandu mhux qabel jew waqt il-ħatt iżda mal-wasla improvviża u mhux mistennija tal-Pulizija. Hekk tagħmel sens din it-tweġiba u mhux kif fehmitha l-Ewwel Qorti – dan dejjem kif qed jissottometti l-appellant;

Huwa proprju f'dan l-isfond li trid tiġi kkunsidrata din il-kwistjoni;

Effettivament, tħares minn fejn tħares lejha din il-kwistjoni, din il-Qorti tara illi l-fatti li għandhom ikunu ta' bażi biex din il-Qorti tifhem sewwa x'ġara f'dan il-każ, huwa s-segwenti u ċjoè:

(1) Li ma jidhirx li hemm provi anki indikazzjonijiet illi l-imputat seta' kien jaf x'ser jiġi skarikat minn fuq il-*cruiser* qabel ma effettivament wasal fuq il-post u beda l-iskarikar;

(2) Illi effettivament l-iskarikar sar minnu u minn Aquilina u ma hemm xejn x'jindika illi l-oġġetti illi kienu qed jiġu skarikati ma kinux identifikabbli, fis-sens illi ma hemm xejn x'jindika li l-imputat seta' ma ndunax *di che si trattava;*

(3) Illi effettivament l-imputat ma jirriżultax illi għamel xi domandi lil Aqulina dwar il-provenjenza ta' dawk l-oġġetti jew jekk fuq dawk l-oġġetti kienx tħallas dazju, imma baqa' sempliċement jgħinu fl-iskarikar u bit-tagħbija ta' l-istess fiż-żewġ vetturi;

(4) Illi meta ġew il-Pulizija ma setax ċertament ikollu – jekk qatt kellu – dubju dwar x'verament kien qiegħed jiġi skarikat;

(5) Illi d-domanda illi għamel l-Ispettur Bayliss lill-imputat ma kinitx xi waħda kkomplikata imma kienet ċara ħafna u ċjoè kien qiegħed jistaqsih bl-iktar mod skjett u ċar u kategoriku jekk hu kienx konxju li dan ix-xogħol li kien daħħal Mark Aquilina, kien bil-kuntrabandu għal liema domanda l-imputat ma qalx illi ma kienx jaf iżda qal li seta' jimmaġina;

(6) Meta xehed l-Ispettur Bayliss qal ukoll dak illi qiegħed jasserixxi l-imputat u ċjoè illi meta interroga lill-imputat, dana qallu illi huwa sar jaf li l-oġġetti kienu kuntrabandu, meta ġew il-Pulizija fuq il-post;

(7) Inoltre jista' jiġi osservat ukoll diskors ieħor illi l-

imputat qal lill-Ispettur fl-*istatement* u ċjoè illi huwa *pressa a poco* kien jaf jew immaġina illi l-merkanzija kienet inġabet minn Sqallija u *pressa a poco* wkoll kien jaf meta Aquilina kien wasal bil-*cruiser* tiegħu minn Sqallija;

F'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tara illi kwalunkwe persuna b'sens ta' dixxerniment ordinarju, ma setax ikollha l-iċken dubju dwar jekk kienx hemm possibbilità li l-oġġetti li kienu qed jiġu skarikati, kinux oġġetti ta' kuntrabandu jew le. Dan qiegħed jingħad in linea ġenerali speċjalment trattandosi tal-kwalità ta' l-oġġetti *illi kienu qed jiġu skarikati, konsistenti ċjoè* f'diversi kaxex ta' xrob u anki ta' għaġin. Fil-każ preżenti mbagħad, hemm iktar minn hekk peress illi l-imputat kien jaf x'inhuwa l-ġeneru ta' negozju ta' Aquilina u anki kien jaf illi l-istess Aquilina kien ġranet qabel, ġie minn Sqallija permezz tal-*cruiser* tiegħu, kif ammetta hu stess. Din il-Qorti hija propensa illi temmen lill-imputat illi sal-mument illi waslu fuq il-moll biex isir l-iskarikar, huwa seta' ma kellu ebda ħjiel ta' x'kien se jiġi skarikat – dan huwa verament possibbli – però mill-mument illi bdiet tinħatt il-merkanzija u titgħabba fil-vetturi, din il-Qorti sempliċement ma tistax temmen illi l-imputat seta' ma mmaġinax jew ma indunax jew almenu ma ħasibx illi kien qed ikun kompliċi fl-iskarikar ta' merkanzija miġjuba Malta bil-kutrabandu. Din il-Qorti anzi tgħid illi anki li kieku l-imputat ma kienx jaf lil Aquilina u sempliċement mar jagħti daqqa t'id, f'ċertu ħin bilfors wieħed jistenna illi kellu jinduna effettivament x'kien qed isir. Altriment l-uniku konklużjoni oħra li jkollha tasal għaliha *din il-Qorti biex temmen lill-imputat hija* li jew tikkonkludi li l-imputat huwa persuna talment nieqes minn sens ordinarju ta' dixxerniment illi sempliċement ħadha *'for granted'* illi qed issir sempliċi operazzjoni ta' ħatt ta' diversi oġġetti ta' l-ikel – konklużjoni din li għal din il-Qorti ma hix verosimili

– jew inkella li l-imputat sempliċement ma kienx assolutament jimpurtah minn x'kien qiegħed jiġri – konklużjoni din ukoll illi din il-Qorti ma jidhrilhix illi għandha tabbraċċja. Biex din il-Qorti temmen illi l-imputat għax l-iskarikar kien qed isir b'mod strettament mhux klandestin imma f'post illi kien aċċessibbli għall-pubbliku, allura seta' jaħseb ili kollox kien regolari, din il-Qorti a bażi ta' dak illli ngħad fuq u speċjalemnt tenut kont tal-konsiderazzjonijiet li ssemmew u ċjoè illi kien jaf illi Aquilina kien ġie minn Sqallija u li l-oġġetti kien qed jarahom *ictu oculi* jitħattew minn fuq il-*Cabin Cruiser* u seta' jara l-kontenut tagħhom, din il-Qorti ma tarax illi tista' taċċetta anqas din it-tip ta' verżjoni;

Għalhekk l-ewwel konklużjoni li qed tasal għaliha din il-Qorti hija illi għalkemm jista' jagħti l-każ, u anki probabbli, illi l-imputat ma kienx jaf għal x'hix kien dieħel, f'ċertu mument, u ċjoè x'ħin bdiet tinħatt il-merkanzija, huwa ma setax ma ndunax effettivament x'kien qed jinħatt u x'kien qed isir u ċjoè illi kienet qiegħda tiġi skarikata merkanzija imdaħħla Malta b'kutrabandu, jew almenu li seta' kien hekk;

F'dan l-istadju din il-Qorti ser tikkunsidra wkoll aggravju ieħor illi għandu l-appellant u li jirrigwarda l-kummenti illi għamlet l-Ewwel Qorti fuq il-fatt illi huwa ma xehedx. Fis-sistema tagħna u kif inhuwa saput, l-imputat m'huwiex obbligat illi jixhed, anzi għandu d-dritt ta' skiet. L-unika riserva illi hemm fil-liġi hi li s-skiet tiegħu ma jistax isir monopolju minnu mill-Prosekuzzjoni. Però dan ma jimpediex lill-Qorti tikkumenta fuq in-nuqqas ta' deposizzjoni da parti ta' l-imputat f'ċertu ċirkostanzi fejn kontra l-imputat ikun hemm diġà akkwiżit indizju qawwi ta' prova. L-oneru tal-prova ma jiġix neċessarjament spustat fuq l-imputat, anzi jista' jingħad illi f'każijiet rarissimi

biss hemm dan l-ispustament ta' l-oneru tal-prova, però s-skiet ta' l-imputat f'ħafna ċirkostanzi jista' jservi biex il-Qorti tkun sprovista minn dik l-ispjegazzjoni li talvolta tkun assolutament neċessarja biex il-verżjoni ta' l-imputat tkun tista' b'xi mod issib konfort. Din il-Qorti eżaminat dak illi qalet l-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward u ma tarax li għandha x'tiċċensura fih;

L-appellant qiegħed jissottometti li tkun xi tkun il-linja li tieħu din il-Qorti dwar fuq min fil-każ taħt eżami kien jinkombi l-oneru tal-prova, mill-kumpless tal-provi għandu jirriżulta biss il-presenza ta' l-imputat dak in-nhar tal-każ mhux il-parteċipazzjoni doluża tiegħu f'att ta' kuntrabandu. Dana kif ġà ngħad, illum jinsab kontradett mill-provi. Veru illi ma kienx l-imputat li importa f'Malta l-merkanzija, però l-liġi tad-Dwana ma tikkontemplax biss ir-reati ta' dawk illi jimpurtaw f'Malta oġġetti b'kuntrabandu, imma anki reati ta' dawk illi jgħinu fl-iskarikar u anki wara illi jkun sar l-iskarikar permezz tal-ħabi jew iż-żamma ta' l-istess oġġetti. L-imputat f'dan il-każ huwa responsabbli bil-parteċipazzjoni tiegħu, fl-iskarikar taħt il-liġi tad-Dawna u diffiċilment din il-Qorti tista' tara kif jista' jinqala' minn dan ir-reat peress illi kwalunkwe spjegazzjoni illi ttanta jagħti, m'hix sodisfaċenti għaliha;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi, hija tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata biss in kwantu infliġġiet kontra tiegħu l-multa ta' erbat elef u ħamsa u tletin lira Maltija, tmienja u ħamsin ċenteżmu u erba' milleżmi (Lm4035.58,4) u minflok tikkundannah għall-multa ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800) u tikkonferma l-kumplament kollu tas-sentenza inkluża l-konfiska tal-vettura esibita.